ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

StudentBounty.com

**IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI IL-ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem: ______________________ Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u li jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġibiet tat-Taqsimiet C, D, E u F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| dritt fundamentali | normi | diviżjoni tax-xogħol | is-settur primarju | il-Kostituzzjoni | sens ċiviku |
| kontroll soċjali | terzjarju | azzjoni industrijali | kunsilli lokali | familja nukleari | l-ugwaljanza |

1. It-tielet settur tal-ekonomija jissejjaħ is-settur ______________________.
2. Tmexxija fil-lokal issir mill-______________________.
3. Regoli li kulħadd mistenni josserva ngħidulhom ______________________.
4. Il-biedja u s-sajd huma xogħlijiet li jaqgħu taħt ______________________.
5. Xi ħaġa li ħadd ma jista' jiġi mċaħħad minnha hija ______________________.
6. L-ogħla liġi tal-pajjiż ngħidulha ______________________.
7. Il-pulizija joffru forma ta' ______________________ fil-pajjiż.
8. Omm, missier u uliedhom jissejħu ______________________.
9. Meta kulħadd jitqies indaqs ngħidu li teżisti ______________________.
10. L-istrajk huwa forma ta' ______________________.

**10 marki**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba:**

1. Il-*peer group* huwa
   a. grupp reliġjuż
   b. nies li jaħdmu flimkien
   c. grupp ta' ħbieb tal-istess età

2. Il-liġijiet ta' pajjiż qegħdin hemm sabiex
   a. jiġu miksura
   b. jiġu obduti
   c. ikunu mgħallma fl-iskejjel

3. Familja simetrika hi waħda
   a. fejn il-ġenituri jieħdu d-deċiżjonijiet flimkien
   b. fejn dak li jgħid il-missier jgħodd
   c. li jkollha ġenitur wieħed

4. Ambjent industrijalizzat hu
   a. mimli bil-ġmiel tan-natura
   b. post fejn hemm ħafna fabbriki
   c. post mimli ħwienet

5. Normi soċjali huma
   a. lezzjonijiet tal-iskola
   b. regoli miktubin
   c. regoli mhux miktubin

6. Ċittadin huwa
   a. xi ħadd li jiġi għal btala
   b. immigrant illegali
   c. xi ħadd li twieled fil-pajjiż

7. Dittatur hija persuna li
   a. tirrispetta l-libertà taċ-ċittadini
   b. timponi ruħha fuq in-nies
   c. tiġi eletta mill-poplu

8. Esportazzjoni hi
   a. meta nbiegħu lil pajjiżi oħra
   b. meta nixtru minn pajjiżi barranin
   c. meta mpartu xi prodotti

9. Riżorsi naturali huma
   a. affarijiet magħmulin mill-bniedem
   b. żejt, gass, siġar u minerali
   c. affarijiet li ngħaddu mingħajrhom

10. Xogħol volontarju huwa wieħed li jsir
    a. bla ħlas
    b. bilfors
    c. għall-paga

**10 marki**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C: Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

*Bħala komunità l-familja ħadd ma' jista' jieħu postha. Din hija l-bażi għas-soċjetajiet koll żmien. Bħala l-benniena tal-ħajja u l-imħabba għal kull ġenerazzjoni ġdida, il-familja għa sehem importanti fil-formazzjoni tal-karattru tal-ulied. Hija l-ewwel edukatur għall-ħajja għalie tgħallem lill-ulied l-imġiba, ir-responsabbiltà, is-servizz u l-għerf. Il-programm tal-Ġnus Magħquda għas-Sena Internazzjonali tal-Familja (1994) jgħid li l-familja "tipprovdi l-appoġġ emozzjonali, finanzjarju u materjali li hu meħtieġ għat-tkabbir u l-iżvilupp tal-membri tagħha, speċjalment it-trabi u t-tfal. Il-familja tibqa' importanti għax din tipproteġi u twassal il-valuri kulturali."*

**Meħuda minn diskors mogħti mill-President ta' Malta f'Ottubru 2009:** ***Insaħħu ż-Żwieġ u l-Familja***

1. X'inhu r-rwol prinċipali tal-familja? (5 marki)
2. Spjega d-differenza bejn familja tradizzjonali u dik kontemporanja. (6 marki)
3. Taħseb li l-familja tal-lum qed taffaċċja sfidi ġodda? Agħti ŻEWĠ eżempji. (5 marki)
4. Illum il-familja saret iżjed simetrika. X'tifhem b'dan? (5 marki)
5. Il-familja tal-lum m'għadhiex biss dik magħmula minn raġel, mara u uliedhom. Agħti ŻEWĠ eżempji ta' tipi differenti ta' familja li nsibu f'Malta llum. (4 marki)

**25 marka**

**Taqsima D: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

**Malta hi repubblika demokratika:**

1. Uri d-differenza bejn pajjiż **demokratiku** u pajjiz **totalitarju**. (4 marki)
2. Kif jintgħażel il-Gvern f'pajjiż demokratiku? (5 marki)
3. Xi rwol għandu l-President ta' Malta? (5 marki)
4. Xi rwol għandhom l-istituzzjonijiet leġiżlattivi, amministrattivi u ġudizzjarji? (6 marki)
5. Semmi **ĦAMES** drittijiet li ngawdu f'pajjiżna. (5 marki)

**25 marka**

**Taqsima E: Ikteb paragrafu ta' madwar 100 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

1. *Il-kultura Maltija hija l-aqwa teżor li jista' jkollna bħala Maltin.* Fisser is-sbuħija tal-kultura Maltija u kkummenta fuq kif tista' tinbidel il-kultura tagħna fis-snin li ġejjin.
2. Semmi **ĦAMES** drittijiet tal-ħaddiema u spjegahom.
3. *L-edukazzjoni tul il-ħajja saret ħtieġa fid-dinja tal-lum.* Taqbel? Agħti r-raġunijiet għat-tweġiba tiegħek.

**10 marki**

**Taqsima F: Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

1. *F'kull fażi ta' ħajjitna teżisti aġenzija ta' soċjalizzazzjoni li tinfluwenzana iktar minn oħrajn.*
   a) Identifika **ŻEWĠ** fażijiet differenti ta' ħajjitna. (2 marki)
   b) Semmi l-aġent ta' soċjalizzazzjoni li jinfluwenzana l-iktar f'kull wieħed minn dawn iż-żewġ fażijiet. (2 marki)
   c) Is-soċjalizzazzjoni hi proċess tul il-ħajja. Iddiskuti. (16-il marka)

**20 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. *Il-klassijiet soċjali jeżistu f'kull soċjetà.*
   a) Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' klassijiet soċjali li nsibu f'Malta.
   b) Iddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin tal-klassijiet soċjali li semmejt. (10
   c) X'tifhem b'**mobbiltà soċjali**? Semmi **TLIET** fatturi li jwasslu għall-mobbiltà soċj

   (8 marki)

   **20 marka**

3. *Il-ħolqien tal-kunsilli lokali f'Malta żied id-demokrazija fil-pajjiż.*
   a) X'inhuma l-**kunsilli lokali**? (2 marki)
   b) Agħti **TLIET** eżempji ta' servizzi li l-kunsilli lokali jipprovdu lill-komunità. (3 marki)
   c) Iddiskuti kif il-kunsilli lokali f'Malta ġabu aktar demokrazija fil-pajjiż. (15-il marka)

   **20 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers